MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2014

Rikors Numru. 30/2007/1

**Domenic Mintoff (u wara l-mewt tieghu l-atti kienu legittimati f'isem Anna McKenna u Yana Joan Mintoff Bland), Daniel Mintoff, Joseph Mintoff (u wara l-mewt tieghu l-atti kienu legittimati f'isem Edwin Mintoff, Lillian Wismayer u Edith Cachia), Mary Grech, Mary Anne Carbonaro, Raymond Mintoff f'ismu proprju u f'isem u ghan-nom ta' Melinda Frendo u Lorenza sive Lola Doe**

**vs**

**Direttur tal-Artijiet**

Il-Bord;

Rat r-rikors promutur li jghid hekk

Illi b'ittra ufficjali tas-7 ta' Mejju 2007 notifikata fuq ir-rikorrenti fl-10 ta' Mejju 2007 l-imtimat ghall-finijiet u effetti tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza tal-Akkwist tal-Artijiet ghall-skopijiet pubblici irreferihom ghall-Avviz tal-Gvern Nru 979 ippublikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-22 ta' Novembru 2006 ghax-xiri assolut bhala liberu u frank tal-fond bla numru (qabel numru 4 u 5) fi Triq l-Ajkla, Bormla u offra lir-rikorrenti bhala kumpens ghax-xiri assolut tal-istess proprjeta' s-somma ta' erbat elef u hames mitt lira Maltija (Lm4,500) u dan skond stima tal-Perit Arkitett Carmen V. Sutton A&CE;

Illi r-rikorrenti jridu jikkontestaw l-ammont lilhom offert bhala kumpens billi dan mhux adegwat u ma jirriflettiex il-valur tal-istess proprjeta' skond il-ligi;

Illi r-rikorrenti jippretendu li l-kumpens gust ghall-istess proprjeta' lilhom appartenenti huwa ta' sittax-il elf lira Maltija (Lm16,000) u dan billi d-dar u l-hanut f'dik l-inhawi qeghda tigi trasferita b'rati simili kif jidher mir-rapport tal-Perit Edwin Mintoff A&CE hawn anness u mmarkat Dok A;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu jiffissa bhala kumpens ghall-proprjeta fuq imsemmija appartenenti lir-rikorrenti li qed tigi mill-intimat esproprijata ghall-uzu pubbliku taht titolu ta’ xiri assolut s-somma ta’ sittax-il elf lira Maltija (Lm16,000) u dan flimkien mal-imghax kif stabbilit mil-ligi mid-data li l-istess Awtorita’ Pubblika hadet pussess tad-dar u hanut fuq imsemmija u bl-ispejjez tal-prezenti istanza;

Ra ir-risposta tad-Direttur ta’ l-Artijiet li tghid hekk:

Illi l-esponent gie notifikat bir-rikors datat 22 ta’ Mejju 2007 fl-ismijiet fuq imsemmija fejn ir-rikorrenti oggezzjonaw ghall-valur offrut lilhom mill-awtorita’ kompetenti ta’ erbat elef u hames mitt lira Maltija (Lm4,500) ekwivalenti ghall-ghaxart elef erba mija u tnejn u tmenin Euro u tmintax-il centezmu (€10,482.18) ghax-xiri assolut bhala libera u franka tal-fond bla numru (qabel 4 u 5) fi Triq l-Ajkla Bormla, liema fond gie esproprijat permezz tal-Avviz tal-Gvern tat-22 ta’ Novembru 2006;

Illi r-rikorrent Domenic Mintoff mhux debitament notifikat b’ittra ufficjali tas-7 ta’ Mejju 2007 ukoll oggezzjona;

Illi r-rikorrenti qed jippretendu li l-kumpens gust li ghandu jithallas lilhom ghal dan il-fond ghandu jkun ta’ sittax-il elf lira Maltin (Lm16,000) ekwivalenti ghal sebgha u tletin elf mitejn u disgha u sittin Euro u sebgha u disghin centezmu (€37,269,97).

Illi l-esponenti qieghed jibqa' jsostni illi l-valur gust ghall-fond fuq imsemmi ghandu jkun dak ta' erbat elef u hames mitt lira Maltin (Lm4,500) ekwivalenti ghal ghaxart elef erba' mija u tnejn u tmenin Ewro u tmintax-il centezmu (€10,482.18) hekk kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza, li huwa dak l-ammont illi hemm imsemmi fl-avviz fuq citat, liema valur gie stabbilit mill-Perit Carmen V. Sutton;

Ghaldaqstant l-esponenti qieghed jitlob illi dana l-Onorabbli Bord joghgbu jiffissa l-ammont ta' erbat elef u hames mitt lira Maltin (Lm4,500) ekwivalenti ghal ghaxart elef erba mija u tnejn u tmenin Euro u tmintax-il centezmu (€10,482.18) bhala l-kumpens gust illi ghandhom jithallsu lir-rikkorenti ghall-esproprijazzjoni tal- art fuq imsemmija.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ikkonsidra:

Illi r-rikorrenti adew lil dan il-Bord bit-talba singolari li jiffissa l-kumpens li ghandu jithallas lilhom ghat-tehid furzat ta' fond wara li ma qablux mal-valur lilhom offert mill-awtoritajiet. Permezz ta' avviz numru 979 fil-Gazzetta tal-Gvern tat-22 ta'

Novembru 2006, l-awtorita' esproprijat l-fond bla numru (qabel numru 4 u 5) fi Triq l-Ajkla, Bormla. Dan il-fond kien jikkonsisti f'hanut u residenza. Il-hanut kellu area superficjali ta' 24 metru kwadru. Dan il-fond kien *"casabottega"* u l-parti residenzjali kienet tibda minn fuq il-parti retrospettiva tal-pjan terran u tkompli fuq l-ewwel u t-tieni sular. Fil-pjan terran kien hemm kcina zghira u kamrin tal-banju accessibbli minn kuridur ta' 1.5 metru wisgha b'tarag li jaghti ghas-sulari ta' fuq;

Illi ghal dan l-espropriju, l-awtoritajiet offrew is-somma ta' erbat elef u hames mitt lira Maltin llum ekwivalenti ghal €10,482.18. Ir-rikorrenti, gwidati mill-parir tekniku tal-perit arkitett taghhom rrifjutaw dan il-kumpens u talbu s-somma ta' sittax-il elf lira Maltin llum ekwivalenti ghal €37,269.97. Fit-trattazzjoni tal-kawza taghhom, r-rikorrenti strahu fuq il-valutazzjoni komputata mill-perit arkitett taghhom li tinsab akkluza a fol 12 u 13 u konfermata minnu bil-gurament;

Sabiex jasal ghall-valur gust ta' dan l-esproprju l-Bord kien assenja biex jassistuh tnejn mill-periti membri ghad-disposizzjoni tieghu li b'relazzjoni bil-miktub wasal ghall-konkluzjoni illi l-fond kien jinsab f'kundizzjoni strutturali tajba fi zmien ta' tehid u li kien uzat bhala hanut fil-parti t'isfel u residenza fil-parti ta' fuq. Il-valur minnhom raggunt kalkolat fid-data tal-publikazzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-President huwa ta' €24,200;

Kull parti pprezentat domandi sabiex jeskutaw lill-periti membri. Mir-risposta ghal-dawn id-domandi ma hemm xejn li ghandu jimmotiva lic-Chairman tal-Bord sabiex ma jaddottax din il-konkluzjoni liema konkluzjoni tidher ekwa u gusta;

Il-Bord ghalhekk qieghed jilqa' t-talba tar-rikorrenti billi jiffissa l-kumpens dovut lilhom ghat-trasferiment b'xiri assolut bhala liberu u frank tal-fond, ossia fondi, kif deskritti fir-rikors promutur liema fond/i qed ikunu dikjarati fabrikabbli u dan bil-valur ta' erba u ghoxrin elf u mitejn euro (€24,200) oltre l-imghax skond il-ligi.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita' kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------